# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru   25**

**Avviz  numru     1027/98/SM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc ta' Perth Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gasan Enterprises Limited skond il-ligi u skond l-polza ta' assigurazzjoni (Claim 976417).**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta**

**quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas s-somma ta' disa mija u tlieta u erbghin lira (LM943) rappresentanti hsarat u nuqqasijiet f'konsenja ta' 51 vettura Ford li wasslu Malta fl-14 t'Awissu 1997 abbord il-vapur FIDES li ghalihom l-attur ikkompensa l-assigurat tieghu cioe' l-importatur Gasan Enterprises Limited u b'hekk gie debitament surrogat ghal liema hsarat u nuqqasijiet l-konvenut huwa unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tal-avviz;**

**Rat in-nota ta'l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datata l-5 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament, ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu daqs tant iehor jigi esebit ic-cheque li bih sar l-allegat pagament mis-socjeta' attrici lis-socjeta' importatrici;**

2. **Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li l-hsara u n-nuqqasijiet detotti fl-avviz ta' l-attur sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u l-istess vetturi gew ikkonsennjati lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet. Tajjeb li wiehed josserva illi f'dan il-kaz is-socejta' importatrici ghazlet li tiehu konsenja tal-vetturi mertu tal-vertenza odjerna gimgha wara li dawn l-istess vetturi gew skarikati minn fuq il-bastiment;**

3. **Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta hija ezenta minn kull responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 (kif emendati**

**permezz ta' l-Avviz Legali Nru. 28/73) li jistipola li "…in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his Contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quality only of unit load received from the ship". U ai termini ta' l-Att IX ta' l-1973, unit load jinkludi inter alia, "… vehicles rolled on or off a ship". Ghaldaqstant, galadarba is-socjeta' konvenuta taghti biss ricevuta tal-kwantita hija ma tista qatt tkun responsabbli ghan-nuqqassijiet u l-hsarat dedotti fic-citazzjoni attrici, peress illi kkonsenjat lill-importatur l-istess ammont ta' karozzi li gew sbarkati f'idejha;**

4. **Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 90 u l-iskeda tlettax (13) tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1996, liema artikolu jipprovdi inter alia li r-responsabbilita ta' merkanzija li tigi mahzuna jew stivata fil-berah hija ta' sid l-istess merkanzija, (Vide f'dan il-kuntest Ray Micallef vs Godwin Abela (Appell Kumm. 16/3/92), u Reginald Micallef vs Godwin Abela (16/3/92);**

5. **Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqassijiet dedotti fic-citazzjoni stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi. Minkejja l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici, jigi osservat illi s-socjeta' konvenuta ftit ikollha access ghall-istess vetturi liema vetturi jinzammu mahzuna fil-Car Compound taht is-supervizjoni kontinwa ta' l-Awtorita' Marittima. Izjed minn hekk, il-post fejn jinzammu l-vetturi huwa sorveljat permezz ta' close circuit camera, u dan taht is-supervizjoni ta' ufficjali ta' l-istess Awtorita' Marittima. Dan minbarra l-fatt illi l-vetturi jigu misjuqa minn fuq il-vapur ghal gewwa l-Car Compound minn haddiema tax-xatt, liema haddiema ma jaqghux taht ir-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant, l-intervent tas-socjeta' konvenuta u tar-rappresentanti taghha f'dan il-kaz huwa minimu u jillimita ruhu biss a rigward ta'**

**indikazzjoni fuq fejn ghandhom jigu stivati l-vetturi gewwa l-Car Compound, u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni biex l-istess vetturi jigu kkonsenjati lis-socjeta' importatrici;**

6. **Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-avviz ta' l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;**

7. **Illi fis-sebgha lok, u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;**

8. **Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;**

9. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti orali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fl-14 t'Awissu ta' l-1997 iddahhlu Malta wiehed u hamsin (51) vettura tal-marka Ford li ddahhlu abbord il-vapur SS Fides;**

**2. Illi xi whud mill-imsemmija vetturi rrizulta li kellhom hsarat fuqhom ikkagunati mill-hmieg tal-hamiem, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi fl-atti odjerni, (ara fol 12 et seq.);**

**3. Illi skond il-"bill of lading" ta' l-istess dawn id-danni ma gewx indikati;**

**4. Illi dawn il-hsarat gew kagunati waqt li l-vetturi in dizamina kienu fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta mid-data tal-wassla taghhom Malta sa meta gew rilaxxti;**

**5. Illi s-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghall-hsarat in dizamina u giet debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur skond il-ligi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-procedura tirrigwarda hsarat ikkagunati mill-hmieg tal-hamien meta l-vetturi in dizamina kienu fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta;**

**Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli din il-qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata l-24 t'April tas-sena 2001 fl-ismijiet Gasan Insurance Agency Limited nomine vs. The Cargo Handling Company Limited et nomine u taghmel taghha l-argumentazzjoni legali hemm esposta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disa' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin, (LM943.00,0), rapprezentanti l-hsarat ikkagonati fil-konsinna ta' karozzi de quo bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**